SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SBATAX (KONTINWAZZJONI)**

**7 ta' Marzu, 2011**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fil-5.30 ta' filgħaxija.

## PREŻENTI

Is-Sindku Etienne Bonello DuPuis, il-Viċi Sindku David Dalli, u l-Kunsilliera Rita Saliba, Anthony Mifsud Bonnici, Violet Bajada, Joan Farrugia, Marica Bayliss u Neville Mallia.

## APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))

Il-Kunsillier Mikhail Micallef avża li ma setax jattendi minħabba raġunijiet ta' mard.

Il-Kunsill ikkunsidrah bħala skużat.

Iċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara

## UFFIĊJAL PREŻENTI

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Is-Sindku Etienne Bonello DuPuis ippresjeda.

**17.1 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

17.1.9 Is-Sindku nforma lil Kunsill b'laqgħa li kienet saret mad-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn fost kollox kien hemm qbil li ssir talba għal impjegat addizjonali tal-Kunsill biex jagħmelxogħol ta' manutenzjoni u li dan ma jkunx parti mill-*compliment* tal-impjegati klerikali.

17.1.10 Il-Kunsill kien infurmat li ntalab parir legali dwar in-neċessita' ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv u li dan issa se jintalab ukoll mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

17.1.11 Il-Kunsill kien infurmat bl-egħluq tad-data tas-sottomissjonijiet għas-sejħa nterna sabiex impjegati mill-Kunsilli Lokali japplikaw għal vakanza li nħolqot fil-Kunsill, fejn is-Sindku ċċara li wara pariri meħuda ma setgħux jiġu trasmessi d-dettalji tal-applikanti.

17.1.12 Is-Sindku nforma lil Kunsill bil-kontinwazzjoni tal-proċess u dan billi jitwaqqaf bord tal-għażla li jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lil Kunsill, fejn kien hemm qbil unanimu illi dan jiġi kompost mis-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsilliera Rita Saliba u Marica Bayliss.

17.1.13 Il-Kunsill iddiskuta l-ħruġ tas-sejħa għal applikazzjonijiet għal ko-finanzjament ta' proġetti mill-UE taħt il-Miżura 313, fejn il-Kunsill fi żmien sittin ġurnata seta' jitfa l-applikazzjonijiet tiegħu mal-*FMAG*.

**17.1.13a "Il-Kunsillier Joan Farrugia ressqet proposta, issekondata mill-Kunsillier Violet Bajada, sabiex isir il-progett tal-cart ruts, fejn ma kienx hemm qbil mill-Kunsill."**

**Emendata Laqgha Numru 17 (kontinwazzjoni)**

17.1.14 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

*17.1.15 "Il-Kunsill jaqbel li l-Perit tal-Kunsill ikun inkarigat iħejji l-applikazzjoni tal-Kunsill sabiex isir proġett relatat mal-mitħna ta' taħt l-art li jinkludi r-restawr u r-rijabilitazzjoni tas-sit."*

17.1.16 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u għaddiet b'erba' voti favur, astenzjoni u tliet voti kontra.

**17.1.16a Fuq talba ghal division tal-vot, irrizulta li l-voti favur kienu tas-Sindku, l-Vici Sindku u l-Kunsilliera Marica Bayliss u Neville Mallia, dawk kontra kienu tal-Kunsilliera Joan Farrugia, Violet Bajada u Anthony Mifsud Bonnici u astenzjoni tal-Kunsillier Rita Saliba.**

**Emendata Laqgha Numru 17 (kontinwazzjoni)**

17.1.17 Il-Kunsill qabel li talba ta' *Vee Gee Bee Limited* sabiex jagħmel *sponsorship* ta' *roundabout* fi Vjal ir-Rihan tiġi diskussa mal-awtoritajiet kompetenti u jekk jirriżulta li din taqa' taħt l-iskema tal-*Bye Law* tiegħu dwar reklamar fuq għamara tat-triq, jidħol f'negozjati ma' din il-kumpanija sabiex titwettaq din il-proposta.

17.1.18 Il-Kunsill unanimament ma qabilx li jipparteċipa fi programm televiżiv u dan billi kien mitlub ħlas ta' €951.

17.1.19 Il-Kunsill kien infurmat li wasslu fl-aħħar stadju l-preparamenti sabiex tkun sottomessa l-applikazzjoni tal-Kunsill għal pjan ħolistiku tat-traffiku u l-implimentazzjoni tiegħu għal finanzjament tiegħu mill-*UIF*.

## 17.2 Rapport dwar id-deċizjonijiet tal-Kumitat tal-Kappara

17.2.1 Il-Kunsill kien infurmat bir-rapport dwar id-deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat tal-Kappara, li kopja tiegħu hi anessa ma' dawn il-Minuti bħala dokument "17L".

17.2.2 Il-Kunsill iddiskuta l-ħruġ ta' offerta dwar tisbiħ ta' Ġnien Ġ.M. Camilleri mil-Kumitat tal-Kappara, fejn kien innotat li **"b'din is-sejha jista jkun li qed niksru kuntratt ezistenti mal-ELC u ghalhekk gie mitlub ruling mid-Dipartiment u"** ġie mitlub parir legali u li se jinġieb parir mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali skont kif deċiż mill-Kunsill.

**Emendata Laqgha Numru 17 (kontinwazzjoni)**

17.2.3 Kien ukoll innotat li hemm il-ħtieġa li jiġi mibgħut komunikat lil Kumitat tal-Kappara dwar diskors li sar fil-laqgħa annwali fejn

kien iddikjarat li din iż-żona mhix fi stat tajjeb ta' ndafa, u dan peress li anke Membru tal-istess kumitat ċaħad dan.

17.2.4 Is-Sindku talab is-sospenzjoni tar-regolamenti sabiex tiġi diskussa issa skedi ta' pagamenti.

17.2.5 Il-Kunsill ikkunsidra l-iskeda ta' pagamenti numru 37 u skeda ta' pagament magħmula numru 38 li jinsabu anessi ma' dawn il-minuti bħala dokument "17M" u "17N".

17.2.6 Il-Kunsill qabel li bħal deċiżjonijiet preċedenti ma jħallasx pagament numru 11 ta' skeda numru 38 relatat mal-mitħna ta' taħt l-art kif ukoll kien innotat li ħlas biċ-ċekk numru 9956 kien relatat mal-aħħar parti tal-kontribuzzjoni ta' flus miġbura mill-Kunsill għall-*MCCF*.

17.2.7 Wara mistoqsija li saret, kien spjegat illi kien hemm direttiva fir-rigward tal-metodu li jiġu rrapurtati s-salarji (minhabba d-Data Protection Act) u hemm qbil li tingħata nformazzjoni dwar id-differenza fis-salarji ta' bejn Jannar u Frar, 2011.

17.2.8 Il-Kunsillier Violet Bajada ħarġet mil-laqgħa. (6.30pm)

17.2.9 Il-Viċi Sindku ressaq din il-mozzjoni:

17.2.10 *"Il-Kunsill japprova l-iskedi ta' pagamenti numru 37 u 38, kif imressqa għajr għal pagament 11 ħdax ta' skeda numru 38."*

17.2.11 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Rita Saliba u għaddiet b'sitt voti favur u astenzjoni.

17.2.12 Il-Kunsillier Violet Bajada daħlet lura għal-laqgħa. (6.35pm)

**17.5 Skema mill-Awtorita' tad-Djar "Programm ta' Manutenzjoni fil-binjiet tal-Gvern (2011-2016)"**

17.5.1 Il-Kunsill kien infurmat bit-termini u l-kundizzjonijiet ta' din l-iskema li kienet relatata ma' manutenzjoni tal-partijiet komuni ta' 68 blokka tal-Gvern li hemm f'San Ġwann u li għalihom l-Awtorita' kienet allokat lil San Ġwann €340,000.

17.5.2 Kienet wkoll diskussa l-obbligi tar-residenti li jiffurmaw kumitati tal-*conduminium* li jrid jieħu ħsieb il-partijiet komuni wara l-intervent tal-Kunsill.

17.5.3 Il-Kunsill unanimament qabel li l-Perit tal-Kunsill ikun ikkummisjonat iħejji rapport dwar il-manutenzjoni meħtieġa fil-blokok kollha sabiex tkun magħrufa l-ispiża totali rejali, liema rapport se jkun iffinanzjat mill-istess skema.

17.5.4 Kien hemm ukoll qbil li wara li jsir dan, il-Kunsill joħroġ sejħa għall-offerti għal manutenzjoni tal-ewwel 25 blokka fuq mhedda ta' tliet snin.

## 17.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Xogħlijiet

17.6.1 Il-Kunsill kien infurmat b'deċiżjonijiet mogħtija mill-Korporazzjoni Enemalta fejn ma kienux milqugħa talbiet tal-Kunsill għal installazzjoni ta' dwal ġdid fit-toroq.

17.6.2 Il-Kunsill unanimament approva li ssir manutenzjoni ta' xogħlijiet ta' dwal tat-triq biswit il-Knisja Parrokjali għal valur totali ta' €500 mingħand is-Sur James Sghendo għas-servizz u mingħand *Vincent Mifsud Ltd.* għal provista tal-materjal.

17.6.3 Il-Kunsill iddiskuta kwotazzjoni dwar disinn ġdid tal-*website* www.sangwannmalta.org mingħand *Shadow Services* għal ammont ta' €700.

17.6.4 Il-Kunsillier Rita Saliba ressqet din il-mozzjoni:

17.6.5 *"Il-Kunsill japprova l-kwotazzjoni ta' Shadow Services sabiex isir disinn ġdid tal-website għall-ammont ta' €700."*

17.6.6 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u approvata b'seba' voti favur u astenzjoni.

17.6.7 Il-laqgħa kienet sospiża għal ħames minuti. (7.05pm sa 7.10pm)

17.6.8 Il-Kunsill unanimament approva kwotazzjoni mingħand *Patco Limited* għall-ammont ta' €86.00 dwar *test* tas-sistema tal-elettriku fil-bini tal-Kunsill.

17.6.9 Il-Kunsill kien infurmat li s-Sindku se jkollu diskussjonijiet ma' *GreenMT* għall-installazzjoni ta' tabelli **"u cameras"** mal-*Bring-In Sites* (BIS).

**Emendata Laqgha Numru 17 (kontinwazzjoni)**

17.6.10 Wara rikonsiderazzjoni tad-deċizjoni tal-Kunsill sabiex il-BIS u l-iskip tal-iskart imħallat fi Triq Ġjaċinti jitilgħu iktar 'il fuq fl-istess triq, kien hemm qbil unanimu illi s-sit il-ġdid għandu jiġi mmarkat b'sinjal isfar fit-triq bħala indikazzjoni ta' fejn dawn għandhom ikunu.

17.6.11 Il-Kunsill qabel li l-Korporazzjoni Enemalta tiġi notifikata dwar arblu tad-dawl li jista' jkun ta' periklu fi Vjal ir-Rihan.

17.6.12 Il-Kunsill iddiskuta l-ħtieġa tal-preżenza ta' gwardjan ambjentali f'ħinijiet li huma barra mill-ħinijiet ta' servizz tagħhom f'żoni partikolari f'San Ġwann bil-għan li jkun ikkontrollat ir-rimi ta' skart fihom.

17.6.13 Il-Viċi Sindku ressaq din il-mozzjoni:

17.6.14 *"Il-Kunsill jaqbel li għal perjodu ta' xahar jikkummissjona bi ħlas gwardjan ambjentali f'diversi żoni f'San Ġwann bil-għan li jitjieb il-livell ta' ndafa fil-lokalita'."*

17.6.15 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u approvata b'sitt voti favur, astenzjoni u vot kontra.

17.6.16 Il-Kunsill qabel li ssir talba lil Korporazzjoni Enemalta sabiex jiġi nstallat dwal tat-toroq fi Vjal ir-Rihan kif ukoll li jesiġi risposta fuq talba oħra li kien għamel għall-istess triq.

17.6.17 Il-Kunsill unanimament qabel li tinħareġ kwotazzjoni għas-servizz ta' tindif ta' toroq mhux urbani.

17.6.18 Il-Kunsill unaniment qabel li tiġi mplimentata d-deċiżjoni tiegħu sabiex issir manutenzjoni ġenerali tal-bandli fi Ġnien Karen Grech, kif ukoll qabel li ssir manutenzjoni ta' apparat ieħor fl-istess ġnien, u li għal dan il-għan għandha tinġabar kwotazzjoni mill-kuntrattur li nstalla l-bandli u ssir l-ordni tax-xogħol meħtieġ.

17.6.19 Il-Kunsill ma qabilx ma' talba magħmula mill-Iskola Primarja A ta' San Ġwann sabiex apparat ta' bandli li kien ingħata b'donazzjoni ssir manutenzjoni tiegħu.

17.6.20 Il-Kunsill kien infurmat li wara laqgħa li saret mal-*IPSL* dwar xogħlijiet ta' tiswija ta' bankina fi Triq San Ġiljan, fejn kien stipulat żmien tal-bidu tax-xogħlijiet, minħabba ċirkostanzi partikolari dan għadu ma twettaqx s'issa.

17.6.21 Fir-rigward ta' *soft area* fi Triq San Ġiljan li qed tintuża esklussivament minn resident, kien hemm qbil li jsir komunikat miegħu sabiex jipproduċi l-permess li għandu biex jagħmel dan.

17.6.22 Il-Kunsill qabel li tinħareġ sejħa għal kwotazzjonijiet għax-xiri u nstallazzjoni ta' *double benches* f'Misraħ Lewża u dan bħala parti mill-proġett li l-Kunsill kien ingħata fondi għalih mingħand il-Gvern Ċentrali.

17.6.23 Il-Kunsill qabel li proposta ta' mmaniġjar tat-traffiku fi Triq iċ-Ċawsli tiġi kkunsidrata bħala parti mill-*master plan* li se jagħmel applikazzjoni għalih mal-*UIF*.

17.6.24 Il-Kunsill unanimament ikkonferma l-għażla tad-*doggie bins* mingħand *SR Services Limited* u li se ssir lista tal-postijiet ta' nstallazzjoni għalihom.

17.6.25 Il-Kunsill qabel li terġa ssir komunikazzjoni mal-Ministeru responsabbli għal manutenzjoni tal-girna li tinsab f'Wied Għomor.

17.6.26 Il-Kunsill qabel li ssir manutenzjoni urġenti ta' bank fi Triq il-Bies.

17.6.27 Il-Kunsill iddiskuta mill-ġdid talba ta' *Vee Gee Bee Limited* għal marki tat-traffiku quddiem l-i*store* tiegħu, liema talba se tiġi referuta lil *Transport Malta* (*TM*).

17.6.28 Il-Kunsill qabel li jekk ma jinstabx il-propjetarju ta' *telephone booth* li tinsab fi Triq in-Naxxar, din għandha titneħħa mill-Kunsill.

17.6.29 Il-Kunsill qabel li parti nieqsa minn wiċċ tal-*culvert* fi Triq tal-Mensija ssir.

## 17.7 Xogħlijiet ta' *roadmarkings* minn IPSL

17.7.1 Is-Sindku nforma lil Kunsill li dan l-*item* għandu jiġi kkunsidrat fil-futur minħabba t-talba tal-Kunsill mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex tiġi mpjegata persuna għal xogħlijiet simili.

17.7.2 Il-laqgħa giet fi tmiemha b'dan l-*item* fuq l-aġenda fit-8.10pm.

17.7.3 Is-Sindku kien se jinforma lil Membri bid-data tal-laqgħa li jmiss.

Konfermati, illum __  Marzu, 2011

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello DuPuis | Adrian Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |